

## Suġġett

Talba ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-miżuri imposta fuq ir-rikorrent skont ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108, tas-26 ta' Jannar 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 20, p. 2), u tad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117, tas-26 ta' Jannar 2015, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 20, p. 85).

## Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
  - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
- 

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2015 – Costa vs Il-Parlament

(Kawża T-197/15 R)

[“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ex membru tal-Parlament Ewropew — Detentur ta' pensjon tal-irtirar tad-deputati — Benefiċjarju ta' allowance affettwat bħala President ta' awtorità portwali — Regola ta' nuqqas ta' kumulu — Irkupru tal-pensjoni rċevuta — Nota ta' debitu — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiziċi proċedurali — Inammissibbiltà”]

(2015/C 221/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Partijiet

Rikorrent: Paolo Costa (Venezia, l-Italja) (rappreżentanti: G. Orsoni u M. Romeo, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u G. Corstens, aġenti)

## Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tan-nota ta' debitu Nru 2015-239 (riferiment 303074) tal-Parlament Ewropew, tat-23 ta' Frar 2015, li tordna lir-rikorrent iħallas is-somma ta' EUR 49 770,42 l-iktar tard sal-31 ta' Marzu 2015.

## Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
  - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
- 

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' April 2015 – Golparvar vs Il-Kunsill

(Kawża T-176/15)

(2015/C 221/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Gholam Hossein Golparvar (Teheran, l-Iran) (rappreżentanti: M. Taher, Solicitor, T. de la Mare u R. Blakeley, Barristers)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea